## Dr Godwin Grima
### April 2014 – Jannar 2016



Dr Godwin Grima kien maħtur bħala l-ewwel Regolatur meta l-Uffiċċju twaqqaf f'April 2014.

Dr Grima daħal fis-Servizz Pubbliku fil-kariga ta' Nutar talGvern fl-1979 u sussegwentement żamm numru ta' pożizzjonijiet għolja fosthom Direttur Ġenerali (Reġistru Pubbliku u tal-Artijiet), Segretarju Permanenti (Ministeru talĠustizzja u l-Intern) u Segretarju Permanenti (Uffiċċju talPrim Ministru).

F'Jannar 2005 hu kien appuntat bħala Segretarju Permanenti Ewlieni u, ukoll, f'Jannar 2006, bħala Segretarju tal-Kabinett.

Dr Grima rtira mis-Servizz Pubbliku fit-28 ta' Jannar 2016, wara li wasal għall-età ta' rtirar.